**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josef Gauci)**

**vs**

**Arthur Castillo**

**Kumpilazzjoni numru 38/2021**

**Illum tmintax (18) ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat Arthur Castillo ta' 58 sena imwieled Sliema nhar l-14 ta' Marzu 1962 iben Arthur u Joan nee' Satariano u residenti 42, St Helen, Flat 3, Triq Norfolk Sliema u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 222862M fejn huwa akkużat talli nhar it-18 ta' Jannar 2020 f' xi ħin bejn it-tmienja u nofs ta' filgħodu (08:30hrs) u l-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu (10:45hrs) fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini, limiti ta' Sannat, Għawdex u/jew

fil-viċinanzi f' dawn il-Gzejjer b'nuqqas ta' ħsieb, jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġunat il-mewt ta' Christine Gauci u dan bi ksur tal-art 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-Inkjesta Maġisterjali li nżammet dwar ir-reati mertu tal-akkużi odjerni, ai termini tal-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semghet it-trattazzjoni finali da parti tal-partijiet.

Rat li din il-kawża ġiet mħollija għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Sinteżi tal-Provi Miġbura**

**Dottor John Xuereb Curmi** xehed f'din il-kawża fejn spjega li fit-18 (tmintax) ta' Jannar 2020 huwa ġie msejjaħ biex jgħin f'CPR, iżda l-pazjenta kienet deċeduta. Huwa hareġ iċ-ċertifikat li l-vittma kienet mejta.

**Fl-istqarrija** rilaxxata minnu fit-8 (tmienja) ta' April 2021, **Arthur Castillo** spjega li huwa direttur tal-Vascas Enterprise Limited u li ilu jaħdem f' dan ix-xogħol għal (25) ħamsa u għoxrin sena. Spjega li ma għandhux laqam u qiegħed fil-proċess ta separazzjoni. Qal li huwa għandu zewġt ibniet, waħda tgħix fl-Ingilterra u l-oħra tgħix in-Naxxar ma' ommha. Spjega li huwa jgħix mal-partner tiegħu Christina Micallef. Qal li huwa qatt ma kellu każijiet oħra mal-pulizija. Spjega li fit-18 (tmintax) ta' Jannar 2020 kien miftiehem ma' Christine Gauci biex imorru diving ma' erbat iħbieb oħra. Spjega li waqt li kien mal-partner tiegħu fuq il-vapur, iltaqa' ma' Christine Gauci li kienet għadha ġejja mix-xift tax-xogħol mal-armata. Spjega li Gauci kienet qaltilhom li ma kinitx raqdet u kienet ilha ma torqod madwar 20 (għoxrin) siegħa minhabba x-xogħol. Spjegali l-partner tiegħu kienet qalet lil Christine għal diversi drabi anke meta waslu Mġarr ix-Xini sabiex ma togħdosx iżda hija qalet li bil-baħar tiġi f' tagħha. Spjegat li huwa mar bil-karozza tiegħu Imġarr ix-Xini u ltaqgħu ma' Christine Gauci u sħabhom hemmhekk. Spjegat li l-*boyfriend* ta' Christine Gauci kellu jiġi hemmhekk bil-kelb biex jiltaqa' mal-partner tiegħu. Spjega li meta saret id-*dive,* huwa kien ma' Christine Gauci. Kien hemm par ieħor Joseph u John Wood, u Fritz u Darco bhala par iehor. Id-*dive* saret fit-8.30am jew fid-9.00am. Spjegat li harġu minn mal-blat man-naħa tax-xellug taħt il-baħar. Kif daru fuq ix-xellug, bdiet l-ewwel problema ta' Christine Gauci fejn din bdiet qisha qed titlef il-bilanċ u huwa ta' l-għajnuna sabiex terġa' ssib il-*buoyancy* tagħha. Spjega li kif nizzilha, huwa staqsiha jekk kienux ser ikomplu jew imorru lura b'sinjali b'idejja u huwa spjega li hija qaltlu b'idejha li riedet tkompli.

Spjega li dak il-ħin kienu xi sittax (16) jew tmintax (18) il-metru fond u baqgħu sejrin sa qisu tmienja u għoxrin (28) metru. Reġgħet inħolqot problema oħra fejn huwa rega' ġibed lil Christine Gauci 'l isfel. Spjega li qabdilha l-*hose* tal-*inflater* u zvojata l-arja għax kellha wisq arja. Spjega li kien hemm qisu għar zgħir li Christine Gauci kienet qed tiġi r-ritratti tiegħu u kienu hemm xi xibka tas-sajjieda li magħha nqabditilha l-*fin*. Huwa rega' ta l-għajnuna tieghu u reġa' staqsa jekk riditx tkompli iżda din qalet li riedet tkompli. Spjega li komplew ftit u qalilha biex almenu jitilgħu ftit 'il fuq halli ma jibqgħux deħlin 'il gewwa. Spjega li Christine qablet miegħu u daru lura u bdew deħlin 'il gewwa. Spjega li kienu xi (ħmistax) 15 jew (sittax) 16 il-metri fond. Spjega li kif kisru l-kisra għal ġewwa Mġarr ix-Xini, Christine reġgħet kellha problema għaliex kienet qegħda titla' u tilfet il-*buoyancy*. Spjega li huwa taha zewġ compbiet minn tiegħu li kienu bil-*clip*. Spjega li din klippjathom magħha u hi qabdet ġebla mill-qiegħ

Kompla jgħid li huwa kkalmaha u qalilha biex joqgħodu ftit hawn jew inkella jipproċedu biex jidħlu 'il ġewwa. Spjega li hija qalet li riedet tkompli biex tidħol u huwa kien ftit ħafif peress li kien taha zewġ (2) kilos ċomb minn tiegħu. Spjega li f' daqqa waħda kif dawwar wiċċu dak l-angolu, Christine Gauci sparat 'il fuq f'salt u ma laħaqhiex. Spjega li ma kienx preparat għaliha u ħarbitli 'l fuq. Spjega li kienu xi ħmistax (15) jew sittax (16) il-metri fond. Spjega li ra l-ġebla nieżla fil-qiegħ u huwa ra li kellha l-bailout. Spjega li huwa ma setax jitla' għax kien ħafif u fil-pront ġie Joseph Caruana u qallu fejn hi Christine Gauci. Spjega li huwa qallu li Christine dieħla 'l gewwa fis-*surface* u baqgħu deħlin. F' ħin minnhom, kif waslu xi tmien (8) metri fond, minħabba li kellu zewġ (2) kilos neqsin, huwa ma setax jibqa' fil-qiegħ għax beda jinġibed 'il fuq. Spjega li huwa *sserfissja* u għamel *emergency ascent*. Spjega li ra lil xi ħadd fil-bogħod fuq l-art bid-*dry suit* iswed u kien dahru 'l barra. Spjega li huwa ħaseb li din Christine

Gauci iżda kien Gordon. Spjega li kien hemm John Wood jistennieħ l-art u staqsieh fejn hi Christine. Spjega li huwa qallu li dik kienet telgħet fis-*surface*. Spjega li stennew ħames (5) minuti u Christine ma dehritx. Qal li bdew it-tfittxijiet u Christine nstabet wiċċha ʻl isfel ʻil ġewwa mal-blat. Spjega li Gordon jew Joseph kienu raw għajnejn Christine bojod u raw ragħwa f' ħalqa filwaqt li ppruvaw jonfħulha d-*dry suit* biex jgħinha titla' fuq id-dgħajsa tal-Forzi Armati iżda ma sabx arja.

Spjega li l-ambulanza ġiet mitluba li tiġi fuq il-post. Spjega li huwa u Joseph Caruana spiċċaw għat-terapija. Sakemm ġiet id-dgħajsa tal-Forzi Armati, huwa qgħad fuq il-blat. George Camilleri ġie nfurmat minn John Wood. U kulħadd spiċċa l-għassa tar-Rabat, Għawdex. Bhala equipment, Christine Gauci kellha twin set, 8 litre 300 bar twin set. Spjega li dan it-twin set kien tiegħu, kollox kien proprjeta' tiegħu ħlief ghad-*dry suit*. Spjega li t-*twin set* kien ilu serviced erba (4) xhur. Lino Brincat kien għamillu s-service. Spjega li Christine kellha wkoll ir-rags tiegħu li kienu Apex isservizzjati ukoll. Spjega li ċ-ċilindri tal-arja kienu tiegħu u l-*equipment* l-iehor tiegħu kienu għandha għax kienet ilha togħdos bihom xi 4 (erba) jew 6 (sitt) xhur. Spjega li hu u Christine Gauci kienu jagħmlu ħafna *dives* flimkien u huwa għandu kompressur bil-konsegwenza li kien jimla ċ-ċilindri hu stess biex jiffrankalha xi ħaġa. Spjega li Christine kellha l-*wing* tiegħu servizzjat. Il-*bail out* ma kienx proprjeta' tiegħu.

Ikkonferma li Christine Gauci kienet *instructor* u *free diver* ukoll. Spjega li huwa ddispjaċiħ għal li ġara. Huwa kien saqsiha darbtejn jew tlieta kemm kellha arja, u li fid-darbtejn li kellha l-problemi, huwa għenha. Spjega li huwa jmur ta' spiss jzurha fuq il-qabar tagħha.

**Arthur Castillo** xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti fit-18 (tmintax) ta' Jannar 2020 fejn spjega li Christine Gauci kienet *night shift* il-Mosta, Malta u kienu miftehma li jaqbdu l-vapur tas-sitta u nofs ta' filgħodu lejn Għawdex. Spjega li kienu ser ikunu tmien (8) bugħaddasa. Spjega li ġiet miegħu l-partner tiegħu Christina Micallef. Spjega li fuq il-vapur, Christine Gauci nfurmathom li ma kinitx raqdet dak il-lejl u l-partner tiegħu offrietilha li toqgħod magħha jieħdu kafe minflok tagħmel id-*dive* iżda din qaltilha li l-baħar iqajjimha.

Spjega li l-boyfriend ta' Christine Gauci kien ser jiġi Mġarr ix-Xini u joqgħod bil-kelb flimkien mal-partner tieghu. Spjegat li hija marret ma' Darco tiġbor xi affarijiet. Spjega li huwa ma kienx jaf kif jasal Mġarr ix-Xini bil-karozza iżda kien segwa lil xi hadd. Spjega li anke meta kienu Mġarr ix-Xini, il-partner tiegħu reġgħet qalet lil Christine biex din toqgħod magħha u ma togħdosx iżda din irrifjutat. Spjega li l-*equipment* li kienet ser tuża ġabithu Christine iżda huwa kien ġab iċ-ċilindri. Spjega li huwa kien qed jipprepara billi jiċċirkola l-arja tiegħu peress li huwa għandu *re-breather close circuit*. Spjega li kien qed jagħmel il-*pre-breathe* biex jaraw li *c-cells* kollha qed jaħdmu u li l-apparat qed jaħdem kollu. Spjega li ġiet ittestjata wkoll l-bailout. Kien hemm lista ta' affarijiet oħra li ġew iċċekjati qabel jinżlu fl-ilma. Spjega li saret ukoll il-*bubble check*. Spjega li malli tlesta kollox, Christine kienet ġia' qed tistennieh.

Spjega li Christine Gauci kienet ser tagħmel id-*dive b' open circuit* normali u għalhekk ma kellhiex bzonn tagħmel dawk il-verifiki. Din kienet ser tibda tagħmel mode 1 f' Marzu. Spjega li huwa kien il-*buddy* ta' Christine f' din id-*dive*. Spjega li kien ser jogħdos magħha u jkunu flimkien. Spjega li huwa segwa lil Christine peress li huwa qatt ma kien għodos minn din in-naħa. Spjega li kienu ftehmu li jmorru fuq ix-xellug. Spjega li Christine Gauci kellha *twin set cylinders* fuq daharha li kienu marbuta b' manifold. Spjega li l-arja toħroġ mit-

tnejn. Spjega li huwa taha ċ-ċilindri, u r-*regulators.* Spjega li kollox kien *serviced.* Spjega li huwa kien taha l-*wing* li zzommok *buouyant* biex titla' u tinżel. Spjega li huwa għandu bżonn ħafna piż għax ġismu jrid ħafna toqol u fin-nuqqas huwa ma jinżilx. Spjega li l-back plate tiegħu tal-istainless steel tiżen ħames (5) kilos u l-istand tiżen żewġ kilos u nofs (2.5) kilos.

Spjega li huma daru fuq ix-xellug u seħħ l-ewwel inċident fejn ra lil Christine tiela'. Spjega li l-*buoyancy* tagħha ma żamitux tajjeb iżda wara li għenha, hija qaltlu li kollox okay. Spjega li xħin staqsiha xi ġralha u jekk riditx tmur lura, din qaltlu biex ikomplu. Spjega li xħin saqsiha kemm kellha arja, kienet weġbitu li kellha two thirty. Spjega li kienet ikkunsmat sebgħin għaliex kien hemm originarjament 300 bar. Spjega li Christine kienet telgħet kważi fil-wiċċ xi (14) erbatax-il metru l-fuq.

Spjega li d-*dive* kompliet u nizlu xi 28 (sitta u għoxrin) metru. Spjega li f' ħin minnhom isib il-fin ta' Christine nqabdet ma' xibka tas-sajjieda. Spjega li huwa ġibiha u qabadha għax kienet reġgħet tilfet il-*buoyancy*. Spjega li huwa qabadha għax kienet telgħet biss xi metru. Spjega li dawwar idejh magħha b' dahrha lejh. Spjega li qabdilha l-*inflator* u neħħilha l-arja. Spjega li neħħielha x-xibka u kkalmaha. Spjega li staqsiha jekk riditx tkompli iżda din qalet li riedet tkompli. Spjega li saqsiha kemm kellha arja u din rrispondiet one sixty. Kompla jgħid li baqgħu jimxu u meta għadda ftit ħin saqsiha kemm kellha arja u nfurmatu li kellha 110. Spjega li huwa qalilha biex jimxu lura. Iżda hi riedet tkompli. Spjega li huwa qalilha li imbagħad kien ser ifehmha wara għalfejn kien hemm bzonn li jidħlu lura iżda talabha li jidħlu lura. Spjega li huwa kien ser ifehmha xħin jaslu lura, li peress li kienet se tagħmel it-*technical diving*, hija kellha tibda taħseb għal ħaddiehor u mhux ghaliha biss.

Spjega li bdew telgħin twenty to eighteen, imbagħad telgħu fifteen u mbgħad telgħu ten. Spjega li f' ħin minnhom huwa ra lil Christine taqbad ġebla u għalhekk huwa staqsiha x'ġara. Spjega li huwa zammha miegħu u neħħa ċ-ċomb tiegħu. Spjega li huwa ħaseb li Christine għandha *buoyancy issue* minħabba l-għejja. Spjega li meta taha l-*weights* tiegħu, ikkalmat. Spjega li staqsiha jekk riditx li jibqgħu sejrin lura jew jekk joqgħodux ftit hemm, iżda qaltlu biex jibdew deħlin. Spjega li kif kienu lesti biex jitilqu u dar biex jibdew deħlin, Christine sparat 'il fuq. Spjega li huwa raha ddawwar idejha maċ-ċilindru tagħha. Il-*bailout* huwa ċilindru extra li fil-każ ta' Christine kien fiħ l-ossiġnu u fil-każ tiegħu kien fih arja. Spjega li fil-pront ġie Joseph Caruana u staqsa fejn hi Christine u huwa spjegalu li Christine kienet dieħla 'l ġewwa.

Spjega li huwa kkonkluda li Christine kienet dieħla 'l gewwa għax raha tiela' u raha ddawwar idejha maċ-ċilindru tagħha tal-fifty (50%) per cent. Spjega li huwa ħaseb li qabditu. Spjega li kienu fond xi 16 jew 17-il metru. Spjega li bdew deħlin flimkien hu u Joseph Caruana għaliex huwa kellu *issue* peress li kellu żewġ (2) kilos neqsin. Spjega li huwa ma kienx *buddy* ma' Joseph Caruana iżda ma' Christine Gauci. Spjega li huwa setax jitla' wara Christine għax din sparat 'il fuq u huwa kien jispiċċa b'embolizmu. Spjega li meta waslu għaxar (10) metri, huwa beda jħoss li qed jinġibed 'il fuq u għalhekk qabad biċċtejn ġebel u għamel *a controlled ascent* bil-ġebel. Spjega li malli tela', staqsewh fejn hi Christine. Spjega li huwa u l-oħrajn bdew ifittxu lil Christine filwaqt li saret telefonata lil 112.

Spjega li r-regolaturi, ċilindri u *wing* kienu tiegħu. Spjega li ċ-ċilindri kienu tal-isteel u kienu seben three hundred bar. Ikkonferma li kien hu li mela l-arja ta' ġoċ-ċilindri. Spjega li dawn kienu mimlijin it-tnejn, three hundred bar. Spjega li l-apparat ġie ċċekjat fil-preżenża ta' Christine kif ukoll il-*bailout tan-nitrox* li

kellha. It-twin set kien 20.8% u l-ieħor kien xi 50 point xi ħaġa. Mistoqsi kif ma qamlux suspett meta f' fond ta' għaxar metri wara biss għoxrin (20) minuta, Christine kienet ġia' hliet sebgħin (70) bar, huwa spjega li ma qamlu l-ebda suspett. Spjega li dak il-vjaġġ għal barra jiswa għall-etern għax lanqas tkun taf kemm ilek hiereġ.

Spjega li wara li kien staqsiha kemm kien fadlilha arja u hija kienet wieġbet li kien fadlilha mija u għaxar (110) *bar,* huwa ma reġa' qatt staqsiha kemm kienet fadlilha arja. L-aħħar *reading* tal-arja kien proprju dak il-ħin. Spjega li fil-ħamsa u għoxrin (25) minuta li kien hemm fejn huma bdew telgħin lura 'l fuq, ma sar l-ebda *check* fuq kemm kien fadal arja. Huwa spjega li fl-ebda ħin waqt *id-dive*, ma sar xi sinjal minn Christine Gauci li ma kienx baqalgħa iktar arja. Kieku għamlet tali sinjal, huwa kien jagħtiha r-*regulator* tiegħu. Spjega li hija lanqas ma għamlet l-ebda sinjal biex infurmat lil buddy tagħha li kien hemm xi ħaġa mhux f'postha. Sostna li lil partner tiegħu kienet qaltilha li kellha idha tuġagħha.

Huwa spjega li huwa ra lil Christine Gauci ddawwar idejha mal-flixkun fejn kien hemm ir-*regulator* hdejha. Tat indikazzjoni li ser taqbdu jew kienet lesta biex taqbdu. Spjega li minn dak il-hin quddiem ma kien hemm l-ebda kommunikazzjoni oħra ma' Christine. Spjega li huwa ħares u ma rahiex filwaqt li assuma li dieħla 'l ġewwa. Spjega li dak il-hin ma għaddilux minn moħħu li jista' jkun li Christine għandha *deco* iktar minnu. Spjega li dak il-ħin kien *panic* shih u xħin raha tiela', huwa qal li l-iktar l-iktar ikollha *decompression sickness* imma almenu tkun waslet fil-wiċċ. Spjega li huwa kien liebes *dry suit* u kellu *wing*. Spjega li huwa ma jasalx biex ibattal id-dry suit u jbattal il-wing u jagħmel controlled ascent. Spjega li pprova kemm-il darba iżda huwa għandu bżonn l-piż.

Mistoqsi jekk kienx forsi prudenti li xorta jzomm għajnejh jew iżomm kuntatt ma' Christine biex jara li hi għadha sew il-ħin kollu, allavolja sseparat minnu, huwa spjega li huwa lanqas jkun jaf fejn qiegħed u jkollu jaqbad il-kumpass il-ħin kollu. Huwa spjega li ma rahiex iktar u assuma li dieħla 'l gewwa. Spjega li huwa ħalla kollox kif inhu, qaleb is-*set point* għal point seven minn one point three u imbaghad jitfa' l-ossiġnu manwali. Huwa qatt ma battal il-*loop* kompletament u mlieha bl-ossiġnu. Spjega li huwa *recreational technical diver* u li huwa mode 3 *fir-rebreathing system*. Spjega li huwa jista' jinżel hundred plus metres. Spjega li Christine Gauci kienet instructor. Huwa kien *close circuit* u Christine kienet *open circuit*. Ikkonferma li bhala parti mit-training tiegħu kellu *rescue diver training*. Spjega li l-wing kienet ilha għand Christine minn Settembru.

**Arthur Castillo** xehed ukoll quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fejn spjega li dakinhar kien iltaqa' ma' Christine u oħrajn fuq il-vapur tas-sitta u nofs ta' filgħodu. Spjega li Christine marret iġġib xi affarijiet mid-dar u niżlet Imġarr ix-Xini. Spjega li huwa kien ilu jogħdos flimkien ma' Christine għal madwar sena. Spjega li Christine kienet qalet li kienet ilha ma torqod madwar tnejn u għoxrin (22) siegha. Spjega li l-partner tiegħu qaltilha biex imorru jieħdu kafe minflok ma' tmur togħdos izda din qaltilha li l-bahar iqajjimha. Spjega li libsu u nieżlu fil-bahar. Qal li huwa kien partner ma' Christine. Spjega li Christine kienet l-instructor. Spjega li mal-ewwel kisra, tfaċċat l-ewwel problema fejn Christine bdiet tisserfisja u tippoppja 'l fuq. Spjega li huwa ġibidha 'l isfel u hi neħħiet ftit arja mill-apparat u saqsiha bis-sinjali jekk tridx tkompli jew tmur lura. Spjega li din irrispondiet li trid tkompli. Spjega li komplew għaddejjin u nqalgħet it-tieni problema fejn Christine daħlet

ġo għar u fin tagħha nqabdet ġo xibka. Spjega li fl-istess hin bdiet tiela' 'l fuq u huwa qabadha minn wara u battlilha kollox minn ġol-*wing.*

Spjega li huwa aġġustalha l-*wing* u staqsiha jekk ikomplux jew imorrux lura iżda hija reġgħet qaltlu li riedet tkompli. Spjega li imbaghad f' ħin minnhom, saqsiha kemm kien baqalgħha arja u wara li rrispondietu, huwa ddeċieda li jidħlu lura. Spjega li imbaghad kien anke taha ċ-ċomb tiegħu u huwa ġie b' żewġ (2) kilos inqas. Spjega li kif dar biex jidħlu lura, hija sparat 'il fuq. Spjega li huwa juża Sistema ta' *rebreather* u mhux taċ-ċilindri peress li huwa jiċċirkola l-arja tiegħu stess. Spjega li hija kellha Sistema normali tat-*traditional diving*. Spjega li xħin raha tispara 'l fuq, huwa ma seta' jagħmel xejn għaliex ma kellux *ċomb.* Spjega li jekk jitla' jgħaġġel kien jispiċċa casualty. Spjega li huwa kellu moħħu mistrieħ li Christine Gauci għandha ċ-ċilindru tal-gass spare u huwa kien raha idejha fuq iċ-ċilindru. Spjega li huwa ħaseb li kienet ser taqleb għal fuqu.

Spjega li huwa ma setax jagħtiha r-*regulator* tiegħu, għaliex Christine sparat 'il fuq.

In kontroeżami, huwa spjega li hija sparat 'il fuq u huwa nduna b'dan xħin kienet kważi diġa fis-surface u huwa raha tilhaq għal *bail out*. Spjega li huwa ma setax jitla' 'l fuq. Spjega li Joseph Caruana kellu unit bhal tiegħu.

**Lino Vella Brincat** ippreżenta rapport maħluf tiegħu fl-atti ta' l-inkjesta maġisterjali fejn wasal għas-segwenti konkluzzjonijiet u osservazzjonijiet:

*In conclusion the diver had problems in controlling her buoyancy due to the malfunctioning dry suit inflator and lack of enough lead weights. This may also had been a contributing factor in what eventually happened. We cannot be certain if the regulators' Venturi switch being set at maximum had any impact since during our tests the regulators did not free-flow but they might have done so underwater. The twin set being completely empty is another question. An experienced fit diver can handle any of the afore-mentioned problems and would know better than to breath the main cylinders completely empty before switching to the 7 lt with the Nitrox mix.*

*If she had ran completely out of air at the end of the dive at 10mts depth, she had a number of relatively safe options to resort to in order to make it safely to the surface:-*

*Switch over immediately to her deco cylinder and start the ascent;*

*Make the out of air signal to her buddy and buddy breath to the surface. Till this stage of the dive her buddy had been near her all the time. His dive profile matches hers exactly except at the end (DOC3).*

*Grab her buddy's deco cylinder's regulator and breath from it.*

*(As a last resort) make a free controlled ascent to the surface.*

*The deceased took none of these actions but made an uncontrolled ascent to the surface.*

*It is possible that in this case, the diver was faced with the perfect storm of a number of physical and technical problems. These might have proved too much for her to handle at that time when one considers that:-*

*She had been at work on twenty-four hours duty prior to the dive – she must have been tired.*

*She had problems in controlling her buoyancy throughout the whole dive :- resulting in fatigue and exhaustion.*

*She made a fast ascent from 7 mts to the surface on the 17$^{th}$ minute – possibly due to dry suit over inflation or maybe some physical problem.*

*She was consuming a lot of air during what should have been a fairly easy and relaxed dive : breathlessness possibly caused by arrhythmia (which could have been the reason why she suddenly shot up to the surface, lose consciousness and drown)."*

**Carmelo Vella Brincat** xehed f' dawn il-proċeduri quddiem din il-Qorti hekk kif ippreseduta u spjega li huwa jispeċjalizza fid-*diving equipment*. Spjega li Castillo u Christine kienu jgħoddsu fliimkien. Spjega li Christine kienet *certified instructor* u Castillo certified diver. Spjega li Christine kellha kwalifiki iktar minn Castillo. Spjega li huwa ġie nkarigat fl-inkjesta sabiex jeżamina l-*equipment*. Spjega li mid-dive profile jirriżulta li kien hemm xi problema wara (sbatax) 17-il minuta peress li Christine telgħet *fast* fil-wiċċ. Imbagħad id-*dive* kompliet. Fl-aħħar tad-dive, jirriżulta li Christine telgħet sparata f'daqqa waħda fil-wiċċ. Spjega li l-aktar haġa problematika li qalgħet il-problemi kollha kienet id-*dry suit*. Din ma setgħetx tiġi ttestjata għaliex kienet tqattgħet biex neħħewha. Spjega li drysuit jkollha zewġ *valves* u dawn ġew tested. Wieħed iddaħħal l-arja u l-oħra biex tiskarika. Jidher li l-valve nstab miftuħ kollu. Madanakollu, spjega li huwa ha din id-*dry suit* erbat ijiem wara u seta' l-valve nfetah. Spjega li sab biss li l-inflation valve kien *self-inflating.*

Spjega li l-*inflation valve* kien difettuż. Spjega li waqt id-dive irriżulta li Christine ma setgħetx tikkontrolla l-buoyancy tagħha. Spjega li Christine kellha *twin cylinders* li nstabu vojta qoxqox. Dak huwa zball kardinali li l-ebda diver ma jagħmlu. Spjega li diver għandu dejjem jitla' b' 50 bar. Spjega li hi kellha bail out cylinder jiġifieri spare cylinder għal decompression. Kellhom bzonn *decompression* peress li niżlu xi 30.7 metri. Kien hemm bzonn jagħmlu 7 minuti kull tlett metri qabel ma jmorru fil-wiċċ. Sostna li Christine setgħet qabdet l-*ispare cylinder* li kien għad fadallu 185 bar. Dan ifisser li dan ma ntmessx għaliex dan kien jimtela' 200 bar iżda huwa normali li jekk ikun saħan xi ftit jinzel ghal 185 bar.

Spjega li biex tutilizza dan l-*ispare cylinder,* kulma kien jinħtieġ huwa li jinbidel ir-*regulator*. Spjega li setgħet għamlet sinjal lil buddy biex tixxerja l-arja miegħu

u kienu joqgħodu flimkien filwaqt li jitilgħu flimkien. Spjega li Castillo kellu wkol *spare cylinder* apparti iż-żewġ ċilindri. Spjega li setgħet għamlet *free ascent* fejn titla' bil-mod u tiskarika l-arja il-ħin kollu. Spjega li hi suppost għamlet *decompression* li ma saritx. Spjega li ma kien hemm l-ebda difett fl-*ispare cylinder*. Spjega li l-venturi valve kienu fuq *high flow* iżda dan jista' jkun għaliex peress li Christine Gauci kienet għajjiena, kellha bzonn iktar arja.

Spjega li milli rriżulta Christine Gauci ma għamlet l-ebda sinjal li ser titla' lil buddy tagħha. Lanqas ma għamlet xi sinjali li riedet l-arja. Spjega li huwa ma setax jitla' għax ried jagħmel id-decompression. Spjega li huwa kien taha l-pirżijiet u għalhekk huwa ġie hafif. Spjega li kieku tela' warajha, kien ikun hemm żewġ inċidenti. Spjega li jista' jkun li kien hemm *arrhythmia* fis-sens li qalbek tibda tħabbat irregulari jew tħabbat iżżejjed u f' dak il-każ, tiġi *short of breath.* Dik hija letali taħt il-bahar ghax it-tendenza hija li l-bniedem ifittex l-arja bil-konsegwenża li tispara 'l fuq.

Spjega li d-dive kollha hadet 75 *minutes* u hija telgħet darb waħda fis-17th *minute*. Spjega li meta huwa kien ikollu problemi ta' *buoyancy*, huwa kien iwaqqaf id-*dive*. Spjega li Christine kienet għajjiena. Spjega li l-libsa li kellha ma kinitx is-*size* tagħha. Spjega li s-*suit* kienet kbira għaliha u għalhekk ikollok hafna arja. Spjega li *drysui*t ma tistax taqbad u tuzaha, iżda trid titħarreġ dwar l-uzu tagħha. Spjega li apparti li kienet kbira, is-suit kienet difettuza.

**Dr Bridget Ellul u Dr Michael J Refalo** rraportaw li l-cause of death ta' Christine Gauci kienet of *natural causes, namely seawater drowning and coronary artery atheroma.*

**Dr Charles Paul Azzopardi** wasal għas-segwenti osservazzjonijiet fir-rapport li pprepara fl-atti ta' l-inkjesta maġisterjali. Dan spjega fost oħrajn is-segwenti:

***The physical and mental fatigue of an antecedent 24 hour work shift is not congruent with or ideal for proceeding with a dive within the next 24 hours.***

*….**Use of second-hand, possibly poorly-fitting, drysuit by Ms Gauci, without prior training in its use and buoyancy, is a significant factor towards causality in this incident.***

*…**Use of unfamiliar equipment is a contributing factor towards this incident. Compressed air for diving purposes must never be supplied by an unlicensed operator with questionable maintenance on compressor.***

*…**although the diving computer's setting is not overtly dangerous in itself, its setting at its most aggressive setting speaks to the diver's general demeanour towards risk taking.***

*…**An experienced, level-headed and properly trained instructor would have ended the dive at this point, seeing the blatant issues with buoyancy control and overuse of gas supply.***

*…**The whole scope of the diving buddy system is for the two divers to be close to each other to assist each other in any untoward event during the dive. The assumption that Ms. Gauci was safe on the surface and swimming back to shore, when no such contact and reasoning was made between the two divers, proved to be highly significant as it ensured the omission of a rescue attempt.***

*….This case exemplifies a diving fatality where multiple contributing variables ended up summating to one unfortunate, but predictable, outcome. Fatigue, unfamiliar equipment and compressed air for diving purposes provided by an unlicensed third party, and drysuit use without prior training in its function resulted in buoyancy issues during the dive, together with overuse of a finite gas supply during the dive.*

*The end result was a fast rapid ascent due to buoyancy issues, followed by a second rapid ascent, precipitated by an out-of-air scenario seeing the rapid and uncontrolled consumption of the air supply, with an ensuring final event on the surface, most probably cardiac, resulting in final loss of airway and subsequent drowning.*

*Although the primary and contributing factors are mostly, alas, attributable to the diver herself, the provision of air and unfamiliar equipment, followed by a negligent omission of a rescue attempt and assumption of safety when no assumption could or should have been made, made the final outcome inevitable. Although actus reus or mens rea cannot be implied, negligence and omission are still evident from Mr Castillo's side."*

**Arthur Castillo** xehed ukoll quddiem il-perit legali maħtur fl-atti ta′ l-inkjesta fejn spjega li hu, flimkien ma' Christine Gauci u ħamsa min-nies oħra kienu marru jogħdsu fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini. Huma ħarġu fi gruppi ta' tnejn tnejn. Spjega li huma ħarġu mill-bajja ta' Mġarr ix-Xini u kisru lejn ix-xellug. F'ħin minnhom Christine Gauci kellha problema u telgħet fil-wiċċ. Hija ma kinitx telgħet fil-wiċċ b'mod qawwi. Ftit wara hija reġgħet nizlet u t-tnejn komplew l-għaddsa għax Christine kienet ikkonfermat max-xhud li kien kollox sew u li setgħu ikomplu.

Spjega li t-tnejn baqgħu jgħumu u f'ħin minnhom hija rat daħla u bdiet tieħu l-filmat tad-daħla. F'ħin minnhom hija attirat l-attenzjoni ta' Castillo għaliex saqajha kienu tgerrbu ma' xibka. Hija kienet ippanikkjata. Castillo mar warajha għax hi kienet se tibda tiela' u ħarġilha l-arja kollha minn ġol-wing. Il-fin tagħha inħall mix-xibka u Christine ikkalmat. Wara li saqsieha riditx li jkomplu hija qaltlu li iva u komplew ftit ieħor. Wara li reġgħu iċċekkjaw l-arja fit-tank, iddeċidew li jmorru lura. Dak il-ħin kienu f'fond ta' tmienja u għoxrin (28) metru. Huma għalhekk bdew telgħin bil-mod u fl-istess ħin bdew jgħumu lura lejn id-direzzjoni tal-bajja ta' Mġarr ix-Xini.

Spjega li waqt li kienu deħlin, Castillo innota li Christine kienet reġgħet tidher ippanikkajta. Fil-fatt raha taqbad ma' gebla. Dan għaliex hija kienet qegħda tinġibed 'I fuq. Ix-xhud neħħa zewġ ċombiet minn tiegħu u waħħalhom ma' tagħha. X'ħin taha ċ-ċombiet, hija giet *buoyant*, ħalliet il-ġebla u dehret tajjeb. Ix-xhud ikkonferma magħha li kienet sewwa u komplew deħlin 'I ġewwa. Għamlilha s-sinjal biex toqgħod ħdejh u hekk kif dar biex ikompli jidħol 'I ġewwa, Christine sparat 'I fuq mingħajr l-ebda *decompression.* Huwa ma setax imur warajha għaliex ġia kellu zewġ (2) kilos anqas. Sa dan il-punt pero hu ma kienx irrealizza x'kien ġralha. Minn fejn kien hu, Castillo seta' jara li hekk kif kienet fil-wiċċ Christine Gauci qabdet is-second *stage mouthpiece* li jkollu tnejn u ħamsin fil-mija (52%) ossiġnu. Sakemm imbagħad huwa sab il-*buoyancy* tiegħu lil Christine ma rahiex aktar.

Kompla jixhed li sadanittant wasal fejnu Joseph Caruana, wieħed mill-għaddasa l-oħra li kienu fl-istess grupp u saqsieh fejn kienet Christine. Castillo indikalu li kienet telgħet 'I fuq u li kienet dieħla ġewwa. Ix-xhud qal li huwa għamel a *planned ascent* u anke qabad ġebla zgħira biex jikkumpensa għan-nuqqas ta' *buoyancy* li kellu. Dan peress li kien spiċċa b'ċomb anqas. Huwa tela' bil-mod fil-wiċċ peress li ma setax jibqa' dieħel taħt l-ilma. Mill-bogħod huwa ra lil xi ħadd bi suit tal-għaddasa. Għall-ewwel ħasibha li kienet Christine u li din kienet waslet l-art pero hekk kif tela' l-art induna li kien Gordon Galea. Il-grupp tqassam biex ifittex lil Christine. Gordon Galea u Joseph Caruana niżlu fil-baħar ifittxu filwaqt li Christina Micallef u Barbara Risita marru jfittxu minn fuq il-blat in-naħa tal-lemin u raw lil Christine mal-blat fil-wiċċ tal-ilma.

**Joseph Caruana** xehed quddiem il-perit legali maħtur fl-atti ta′ l-inkjesta li hu flimkien ma' sitt (6) persuni oħra kienu marru jgħoddsu fil-bajja ta' Mġarr ix-

Xini. Ma kellhomx jgħoddsu kollha flimkien. Huwa qal li dam biex jibda l-għaddsa tiegħu peress li kellu problema fl-apparat u ried li jkollu kollox sew qabel jibda jogħdos. John Wood qagħad jistennieh biex jinżlu flimkien. Kompla jgħid li l-għaddasa l-oħra kollu telqu qabilhom ħlief għal Gordon għax wasal fil-post wara. Gordon kien qalilhom li kien se joqgħod fil-bajja waħdu.

Joseph Caruana xehed wkoll li kien jaf li Christine kienet għadha kemm spiċċat minn xift tax-xogħol ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa għax hekk kienet qaltilhom dak il-ħin. Hi qalet lix-xhud li ma kinitx raqdet. Pero kienet strieħet ftit u kienet qed tħossha mistrieħa. Fritz saqsieha jekk kinitx *hydrated* u hi kienet wieġbet fl-affermattiv. Wara li hu u John bdew l-għaddsa tagħhom, John irrealizza li kellu *leak* f'parti mill-apparat tiegħu u għalhekk dar lura. Caruana kompla waħdu bl intiza li jiltaqa' ma' tnejn minn shabu oħra Darko u Fritz. Huwa u ħiereġ kien ra xi bżieżaq tal-arja ħergin u assuma li kien hemm Arthur u Christine fil-qrib. Dan għaliex Christine kienet qed tuza s-sistema *open circuit* u allura joħorgu l-bziezaq tal-arja hekk kif wieħed jitfa' n-nifs 'I barra.

Ix-xhud wasal fejn Arthur u Christine li ikkonfermaw li kienu t-tnejn kollox sew u li kienu sejrin iduru lura. Joseph saqsa fejn kien Darko u Arthur indikalu li t-tnejn l-oħra kienu ħarġu aktar 'I barra. Ix-xhud baqa' jaqdef għal ftit oħra, ma rahomx u għalhekk iddeċieda li jdur lura għax ma setax ikompli waħdu. Lura huwa ħadha bil-mod għax l-ilma kien qed jitbaxxa. F'ħin minnhom reġa ra lil Arthur u lil Christine qegħdin ma' xulxin fil-qiegħ. Hu ma kien innota xejn li ma kienx f'postu u kompla miexi 'I ġewwa. F'ħin minnhom ix-xhud spjega li huwa reġa ħares fid-direzzjoni ta' fejn kienu Arthur u Christine u ra li Christine kienet qegħda fil-wiċċ u Arthur qed iħares 'I fuq. Dak il-ħin Christine kienet qegħda tiċċaqlaq u anke ra bżieżaq tal-arja ħergin. Pero ma kienx ċert minn fejn kienu ħergin. Sadanittant Arthur laħaq ġie quddiemu. Caruana saqsieh jekk

Christine kinitx kollox sewwa u Arthur indikalu li hija kienet fil-wiċċ dieħla 'l ġewwa.

Spjega li huwa għamel id-*decompression* għax kien nizel f'fond ta' tletin (30) metru. Kif lesta d-*decompression*, huwa tela' fil-wiċċ fejn sab lil Arthur. Christine ma kinitx miegħu u x'ħin saqsieh fejn kienet, Arthur kien qallu li kienet dieħla minn mal-wiċċ. X'hin Caruana ra li Christine ma kienet dehret imkien, qal lil sħabu li kien aħjar li jiċċekkjaw. Caruana u Gordon Galea ħarġu 'l barra bis-*suit* u l-*mask* biss biex ifittxuha. John Wood mar fuq is sies in-naħa tax-xellug tal-bajja filwaqt li Christine u Barbara u marru fuq is sies in-naħa tal-lemin tal-bajja. F'hin minnhom in-nisa għamlu sinjali li kienu raw xi bżieżaq tal-arja fil-wiċċ, izda rriżulta li dawn kienu ta' Darko u Fritz li kienu deħlin lura. Eventwalment Christina rat lil Christine u indikat dan lil Caruana u Galea li għamu fid-direzzjoni tagħha. Caruana sab lil Christine b'wiċċha 'l isfel fl ilma. Fil-ħin li waslu ħdejha, waslet wkoll dgħajsa tal-AFM. Caruana ġibed lil Christine, dawwarha wiċċha 'l fuq u taha lil tal-AFM. Dawn mill-ewwel telqu biha.

Spjega li Christine kienet tidher bla ħajja. Għajnejha kienu iċċassati u xuftejha kienu jidhru qishom bojod fil-blu. Anke l-ġilda ta' wiċċha kienet bajda. Ix-xhud spjega wkoll li xi tlett (3) gimgħat aktar qabel, Christine kienet qaltlu li kienet sabet diffikulta biex tikkontrolla d-*dry suit.* Huwa kien qalilha biex ma tagħmilx dives aggressivi sakemm tkun ċerta li ħadet it-*training* kollu neċessarju u dratha. Huwa temm jgħid li x'ħin sabu lil Christine, hija kellha l-wing tagħha mimlija ħafna bl-arja. Id-*dry suit* kienet wkoll tidher li hija mimlija bl-arja. Infatti hekk kif Caruana u Galea kienu qegħdin jgħaddu lil Christine lil tal-AFM, huma għafsu l-inflator u deher li ma ħarġitx arja għal ġos-suit.

F'xhieda oħra li ta **Joseph Caruana** quddiem il-perit legali fl-atti tal-inkjesta maġisterjali, huwa ikkjarifika li d-diskursata li huwa kellu ma' Christine fuq id-*dry suit* kienet seħħet ħmistax (15)-il ġurnata aktar qabel u mhux tlett ġimgħat qabel kif kien indika fid-deposizzjoni tiegħu. Minn verifiki li huwa għamel, din id-diskursata magħha kienet saret fl-erbgħa (4) ta' Jannar 2020. Huwa ippreċiza wkoll li qatt ma kien prezenti f'għaddsiet li kienet għamlet Christine Gauci bid-*dry suit* fejn qalet li sabet diffikulta.

**Gordon Galea** xehed quddiem il-perit legali fl-atti ta′ l-inkjesta li hu flimkien ma' grupp ieħor ta' għaddasa kienu marru jgħoddsu Mġarr ix-Xini. Huwa wasal tard u nizel jogħdos waħdu. Wara xi ħamsa u ħamsin (55) minuta huwa tela' lura. Ftit wara li tela', waslu mill-għaddsa tagħhom Arthur Castillo u Joseph Caruana. Christine ma kintix magħhom. Meta raw li ma kinitx ġiet lura, huma bdew ifittxu mill-art. X'ħin ma rawhiex, ix-xhud flimkien ma' Joseph libsu l-*fins* u l-mask u ħarġu jfittxuha. It-tfajla tiegħu u dik ta' Arthur telgħu fuq il-blat biex jaraw jarawhiex fuq il-blat. Huma marru fuq is-sies in-naħa tal-lemin tal bajja filwaqt li John Woods mar fuq is-sies in-naħa tax-xellug tal-bajja.

F'ħin minnhom iż-żewġ tfajliet indikaw li kienu raw xi bziezaq tal-arja, pero dawn irrizultaw li kienu ta' żewġ għaddasa oħra li kienu fl-istess grupp. F'daqqa waħda n-nisa indikaw li kienu raw lil Christine u huma bdew jgħumu fid-direzzjoni tagħha. Hekk kif waslu fejnha waslu wkoll tal-AFM. Christine kienet mal-blat wiċċha l-isfel. Ix-xhud spjega kif Joseph ġibidha minn mal-blat u ressaqha lejn id-*dinghy* tal-AFM. Hu flimkien ma' Joseph għenu lil tal-AFM itellgħuha fuq id-*dinghy* u huma daħlu 'I gewwa. Temm jgħid li Christine ma kellhiex sinjali ta' hajja. X'ħin qalbuha wiċċha 'I fuq kellha zgur ragħwa bajda ħierġa imma ma ftakarx kinitx ħierġa minn ħalqha jew imneħirha.

John Wood xehed quddiem il-perit legali fl-atti ta’ l-inkjesta li dakinhar tat-tmintax (18) ta' Jannar hu flimkien ma' xi nies oħra marru biex jgħoddsu fl-inħawi ta' Mgarr ix-Xini, Għajnsielem Għawdex. Huma inqasmu fi gruppi separati. Ix-xhud stenna lil sieħbu Joseph Caruana biex ilesti. Huma niżlu xi għaxar (10) minuti wara li kienu niżlu l bqija tal-grupp. F'ħin minnhom Wood induna li kellu *leak*, għamel is-sinjal lil Joseph u dar lura lejn l-art. Joseph kompla waħdu. Għal xi l-għaxra ta' filgħodu (10.00am), huwa ra lil zewġ għaddasa ġejjin lura l-art. Dawn kienu Arthur Castillo u Joseph Caruana. Christine ma kinitx magħhom minkejja li x-xhud kien jaf li kienet niżlet ma' Arthur għax is-soltu kienu jgħoddsu flimkien. Ippruvaw jaraw jekk setgħux jilmħu lil Christine, pero ma setgħu jaraw xejn bir-rilfessjonijiet tad-dawl tax-xemx fl-ilma.

Iz-żewġ tfaljiet li ma kinux għaddasa marru jimxu fuq is-sies in-naħa tal lemin. Ix-xhud tela' fuq is-sies in-naħa tax-xellug. Huwa u jimxi fuq is-sies seta' jara li Gordon u Joseph kienu ħarġu bl-għawm ifittxuha. F'hin minnhom Gordon qallu biex iċempel lil tal-emerġenza. Huwa hekk għamel u qabbduh ma' tal-AFM li bagħtu RIB. F'xi ħin lemħu xi bżieżaq tal-arja, imma rriżulta li dawn kienu ta' zewġ għaddasa oħra li kienu parti mill-istess grupp tagħhom. L-ewwel li ma raw lil Christine kienu t-tfaljiet. Gordon u Joseph għamu lejn fejn kienet Christine. Hija kienet mal-blat. Gordon u Joseph waslu fejn Christine fl-istess ħin li waslu tal-AFM bir-RIB. Tal-AFM ġabru lil Christine fuq ir-RIB u telqu biha.

**<u>Christina Micallef</u>** xehdet quddiem il-perit legali maħtur fl-inkjesta li dakinhar tat-tmintax (18) ta' Jannar 2020 hija marret Mġarr ix-Xini mal-partner tagħha Arthur Castillo. Hija ma nizlitx togħdos u qagħdet fejn il-karozzi titkellem ma'

John Wood li kellu jirritorna lura mill-għaddsa u mal-partner ta' Gordon li jisimha Barbara. Meta Arthur u Joseph daħlu mill-għaddsa tagħhom Christine ma kinitx magħhom. X'ħin raw li ma daħlitx hija marret fuq is-sies in-naħa tal-lemin tal-bajja biex tara tilmaħx lil Christine. Barbara marret warajha. Għalkemm f'ħin minnhom hija rat xi bżieżaq tal-arja fl-ilma, dawn ma kinux ta' Christine iżda kienu ta' zewġ għaddasa oħra. John Wood kien fuq is-sies tan-naħa tax-xellug tal-bajja. Ix-xhud kompliet tgħid li f'ħin minnhom hija lemħet lil Christine f'wiċċ l ilma. Għarfitha mill-*wing* tagħha. Hija kienet ġia wiċċha 'I isfel u ma kinitx qed tiċċaqlaq. Il-kurrent tefagħha mal-blat u waqfet mal-istess blat. Ix xhud għajtet lil Joseph u lil Gordon u indikatilhom il-posizzjoni fejn kienet tinsab Christine. Dawn għamu fid-direzzjoni tagħha. Qalet wkoll li wasal RIB tal-AFM. Ix-xhud temmet tgħid li dakinhar stess Christine kienet qaltilha li hija kienet għajjiena ħafna. Dan għaliex kienet għadha kemm spiċċat *night-shift*. Pero ma kinitx l-ewwel darba li kienet marret togħdos wara night shift.

**Barbara Risita** xehdet quddiem il-perit legali maħtur fl-inkjesta li hija kienet il-partner ta' Gordon Galea. Dakinhar tat-tmintax (18) ta' Jannar 2020 hi u Gordon kienu marru Mġarr ix-Xini għaliex Gordon kellu għaddsa ma' shabu. X'hin saret taf li Christine ma kinitx irritornat lura, Barbara kienet fuq it-telefon. Hija qatgħet il-linja u marret wara Christina Micallef li sadinittant kienet laħqet marret fuq is-sies biex tara jekk tilmaħx lil Christine mill-għoli. Persuna oħra marret fuq is sies tan-naħa l-oħra tal-bajja. Dan eventwalment kien ċempel għall-għajnuna. Huma u mexjin raw xi bżieżaq tal-arja. Pero dawn ma kinux ta' Christine. Hi u Christina Micallef komplew jimxu u f'ħin minnhom lemħu lil Christine mal-blat. Huwa indikaw lil Gordon fejn kienet tinsab. Indikawlu li kienet ezatt taħt it-torri. Christine kienet qegħda wiċċha 'I isfel fl-ilma. Ftit wara wasal RIB li ta l-ewwel għajnuna.

**Il-Kaptan James Gauci**, kaptan fizzjal inkarigat mill-Explosive Ordinance Disposal Unit fi ħdan il-Forzi Armati ta' Malta xehed quddiem il-perit legali nominat fl-inkjesta li Christine Gauci kienet taqa' taħtu u kienet tifforma parti minn dan il-Unit li huwa responsabbli tiegħu. Spjega li qabel ma kienet involuta fl-inċident fit-tmintax (18) ta' Jannar 2020, hija kienet xogħol peress li kienet taħdem shift ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa. Is-shift li kellha kien beda mis-sebgħa ta' filgħodu tas sbatax (17) ta' Jannar u kien spiċċa fis-sebgħa ta' filgħodu tat-tmintax (18) ta' Jannar. Peress li Christine kienet Għawdxija, kienet titlaq qabel biex tilħaq il-vapur. L-għada imbagħad tkun ġurnata rest u il-ġurnata ta' wara tkun off. Christine kien imbagħad terġa tidħol xogħol wara l-ġurnata off għal shift ieħor ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa. Dan ir-roster ilu fis-seħħ u ma kienx beda di riċenti. Mistoqsi jekk waqt dan il-ħin, is-suldati jkollhomx ħin ghall-mistrieħ, il Kaptan wieġeb li sakemm ma jkunx hemm operat li jrid isir huma jkunu fil barracks tagħhom u jkunu jistrieħu. Spjega li fix-xift li kienet qegħda fih Christine qabel ma kienet involuta fl-inċident ma kien hemm l-ebda operat. Kien hemm biss affarijiet relatati mad-*daily running* tal-barracks li riedu jsiru. Riedu jinġabru xi *quotations* marbuta mal-apparat tad-*diving* kif wkoll ried jinġabar xi materjal mill-barracks ta' Ħal Safi. Christine flimkien ma' suldat ieħor kienu marru jagħmlu dawn il-qadjiet. Hi kienet x-xufiera tal Land Rover. Skont ir-records, hija ħarġet għal xi tmienja u nofs ta' filgħodu mill-barracks u irritornat lura ghat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Minn dak il-ħin hija għalhekk kienet rest fil-barracks u baqgħet fil-barracks sa x'ħin telqet l-għada ftit qabel ma spiċċa s-shift tagħha. Hija kellha taqbad il vapur tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħodu.

Mistoqsi dwar it-testijiet mediċi, il-Kaptan spjega li dawn isiru kull sena. Dawn jieħu ħsiebhom it-tabib tal-Armata. Ix-xhud qal li kien intalab jipprovdi r-

riżultati tat-testijiet mediċi tal-aħħar sentejn ta' Christine Gauci kif wkoll riżultati tal-ECGs tagħha. Huwa kien għadda din it-talba lit-tabib tal-Armata u ġie mgħoddi envelope issiġġillat, liema envelope imbagħad ingħadda lill-Perit Legali. Ix-xhud kompla jgħid li parti minn xogħol Christine kien fis-sezzjoni tad diving. Kienu jagħmlu taħriġ b'mod regolari. Mistoqsi jekk fis-sezzjoni tad *diving* tagħhom jagħmlux uzu minn *dry suits*, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Huma juzaw biss *wet suits* u għalhekk lanqas ma kien jingħata taħriġ fuq l-użu ta' *dry suits.* Bħala livell tad-divers fl-armata, Christine kienet għadha fl-ewwel livell li jiġi l-anqas wieħed. Dan kien ifisser li biex tagħmel *dive* hija riedet bil-fors tkun akkumpanjata minn *diver* ieħor tal-armata fit-tieni livell. F'dan l-ewwel livell, id-*divers* jkunu imħarrġa biex jinzlu sa erbgħin (40) metru fond. Mistoqsi jekk jintuzax *nitrox,* ix-xhud wieġeb li l-AFM tagħmel użu biss minn arja normali kompressata.

Ix-xhud temm jgħid li Christine kienet ilha taħdem f'din is-sezzjoni tal armata għal dawn l-aħħar erba' (4) snin. Meta kienet ġiet trasferita għal dan il unit, hija kien għadha ma kellhiex taħriġ bizzejjed biex tagħmel ċertu xogħol. Pero maż-żmien hija ħadet it-taħrig kollu neċessarju li kellha bżonn.

**Ikkunsidrat:**

**Principji legali u gurisprudenza**

L-imputat qed jiġi akkużat taħt l-artikolu 225(1) tal-Kap. 9 li jistabbilixxi li:

> *"Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed*

*minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).”*

Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Jacqueline Rio Hedley" (Kumpilazzjoni numru 6/2016) deċiża fil-15 ta' Lulju 2020:

*“Biex tirriżulta l-offiża kontemplata f’dan l-artikolu huwa neċessarju li tirrikorri kondotta volontarja negliġenti, konsistenti ġenerikament f’nuqqas ta’ ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta’ ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta’ osservanza tal-liġijiet, regolamenti, u ordnijiet simili. Din trid tkun segwita b’ness ta’ kawżalita’ minn akkadut dannuż involontarju. Fi kliem Antolisei, irid ikun hemm, “quel rapporto di causalita’ che deve intercedere tra la condotta imprudente o negligente e l’evento.” Isegwi għalhekk illi fil-materja tal-kolpuż, irid ikun hemm neċessarjament element ta’ xi attivita’ diretta partikolari li minħabba nuqqas ta’ ċerta prekawzjonijiet jistgħu jiġu leżi, danneġġjati jew ippreġudikati l-interessi ta’ terzi persuni.*

*Fi kliem il-Professur Giuseppe Santaniello, wieħed jista’ jitkellem fuq delitt kolpuż “quando l’evento, anche se preveduto, non e’ voluto dall’agente e si verifica a causa di negligenza o imprudenza o imperizia ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline. Nel reato colposo e’ volontaria la condotta del soggetto agente; mentre non e’ voluto l’evento.”*

*Id-definizzjoni mogħtija minn Santaniello hija waħda soġġettiva fis-sens li qed tenfasizza ħafna bħala element fundamentali fid-delitt kolpuż dak tal-prevedibbilita’ tal-event mhux volut. Din hija t-teorija klassika u tradizzjonali żviluppata mill-Carrara li anke ġiet abbraċċjata mill-Qrati tagħna. Fil-kamp kriminali dan l-element ta’ prevedibbilita’ jimmanifesta ruħu f’dak li Archbold iqis bħala “a reckless disregard for the safety of others” u huwa proprju dan li jikkostitwixxi n-negliġenza kriminali.*

*Teżisti wkoll it-teorija oġġettiva tad-delitt kolpuż li teskludi kompletament l-element tal-prevedibbilita’ u tippunixxi l-event bħala konsegwenza ta’ kondotta ta’ xi ħadd li ma jkunx konformi mal-esiġenzi*

*tad-dritt u tal-liġi. Skont din it-teorija: "l'evento dannoso e contrario al diritto e' punibile quando esso sia il prodotto immediato o mediato di un atto volontario di un uomo, il quale atto, sebbene non rivolto a un fine antigiuridico, si e' esplicato con mezzi rivelatisi non normali all'idea del diritto." Dan kollu jirriduċi ruħu għal żewġ elementi prinċipali, u cioe' (a) li l-aġent hu l-kawża effiċjenti jew effettiva tal-event; u (b) li l-kondotta tiegħu jew mezz minnu adoperat huwa kontra l-liġi. Għalkemm kien hemm każijiet limitati fejn il-Qrati tagħna adottaw il-linja oġġettiva, minn analiżi tal-ġurisprudenza jidher li fil-maġġoranza tal-każi ġiet iktar segwita t-teorija suġġettiva li tesiġi l-element tal-prevedibbilita' tal-ħsara jew dannu li jista' jiġi kkawżat mill-aġent minħabba l-kondotta tiegħu.*

*Il-kunċett ta' kulpa fil-qafas ġuridiku kriminali Malti għalhekk jista' faċilment jiġi definit bħala "kondotta volontarja (azzjoni jew ommissjoni) li tikkaġuna event antiġuridiku, mhux volut, iżda prevedibbli, b'mod li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad normali."*

*Fi kliem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, deċiża fil-31 ta' Lulju 1998, erba' huma l-elementi essenzjali ta' imġieba kolpuża: (a) azzjoni jew ommissjoni volontarja; (b) event jew akkadut dannuż; (c) ness ta' kawżalita' bejn l-azzjoni (jew ommissjoni) u l-event jew akkadut dannuż; u (d) il-prevedibbilita' u eċċezzjonalment il-previżjoni ta' dan l-event jew akkadut dannuż. Il-Qorti tkompli tispjega li l-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-prevedibbilita' tal-event dannuż li l-kondotta illegali ta' xi ħadd tista' ġġib. Din hija l-kolpa normali jew l-hekk imsejħa la colpa incosciente a differenza minn dik imsejħa la colpa cosciente li hija l-kolpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Wieħed jista' jitkellem fuq kolpa normali (incosciente) dik tal-prevedibbli meta fil-kondotta tal-aġent hemm l-element tan-neliġenza, imprudenza, imperizja, jew nuqqas ta' tħaris ta' dritt. Min-naħa l-oħra, l-kolpa cosciente tirriżulta meta quddiem il-kondotta tal-aġent, l-akkadut dannuż, bħala konsegwenza għal dik il-kondotta, jidher possibbli. B'danakollu l-aġent xorta jwettaq dak l-aġir tiegħu bl-isperanza li dak li hemm possibilta' li jseħħ ma jiġrix. M'hemmx dubju li din hija forma ta' kolpa aktar gravi mill-kolpa normali u tista' tgħid li tikkonfina mad-doluż għaliex l-aġent ikollu f'moħħu li l-event dannuż jista' jirriżulta, għalkemm ma jkollux l-intenzjoni speċifika li jridu jseħħ.*

*Il-kondotta kolpuża tirriżulta minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja, u non-osservanza ta' liġijiet u regolamenti. L-imprudenza jista' jingħad li tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli; in-negliġenza tiġi mid-disattenzjoni u disakkortezza tal-aġent fil-kondotta tiegħu; l-imperizja hija l-forma speċifika tal-kolpa professjonali li fi kliem Manzini hija "inettitudine e insufficienza professionale generali e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto". Il-kolpa tista' wkoll tkun dovuta għan-non-osservanza tal-liġijiet jew regolamenti, bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li tiġi evitata l-possibilta' ta' ħsara u dannu lil terzi persuni.*

*Ta' min jinnota li għalkemm l-element ta' prevedibbilita' huwa komuni f'kull kondotta kolpuża riżultanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet u regolamenti, il-livell tagħha jvarja u japplikaw livelli ta' presunzjonijiet differenti. Għar-rigward ta' atti ta' negliġenza, imprudenza u imperizja, l-element tal-prevedibbilita' jista' jiġi eskluż bi provi kuntrarji (juris tantum) imma fil-każ ta' non-osservanza ta' liġijiet u regolamenti oħra, il-presunzjoni tal-prevedibbilita' hija waħda juris et de jure u m'humiex ammessi provi kuntrarji għall-esistenza tagħha. Dan għaliex huwa każ fejn l-element tal-prevedibbilita' tal-leġislatur qiegħed jissostitwixxi dik tal-aġent."*

Fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali Kumpilazzjoni Nru.: 517/2018 fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Leeroy Balzan Engerer) -Vs GERRIT VAN DER VEEN" deċiża fit-23 ta' Settembru 2021 intqal:

*"Miżmum dan ferm, dak li trid tistabbilixxi l-Qorti huwa jekk il-ħabta li kkaġunat ilmewt ta' Mart de Ruiter kienet b'xi mod dovut ghal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali bhala l-elementi kostituttivi tarreat ta' omicidju involontarju li l-imputat qed jigi addebitat fl-ewwel imputazzjoni:-*

*"225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minnerba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

*Ghalkemm kif stabbilit, Mart de Ruiter miet b'rizultat tal-impatt mal-jet ski misjuq mill-imputat, sabiex tigi ravviżata ħtija fl-imputat ghal*

*dan ir-reat ta' omicidju involontarju, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-elementi kostituttivi tar-reat gewx kollha ippruvati sal-grad li teħtieġ il-liġi fil-kamp kriminali, cioe` lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Dawn l-elementi huma essenzjalment tlieta u cioe`:- (1) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti; (2) kkaġuna l-mewt; (3) ta' persuna.*

*Jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tressaq quddiem il-Qorti provi li adegwatament jistabilixxu l-ħtija tal-imputat għall-akkadut, u dan billi tipprova waħda mill-forom differenti ta' kondotta kolpuża: (i) in-negligenza, konsistenti generikament f'nuqqas ta' ħsieb, imprudenza jew traskuraġni u li tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza talaġent fil-kondotta tieghu; (ii) l-imperizja, li hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali konsistenti f'nuqqas ta' ħila jew imperizja fl-arti jew professjoni jew (iii) il-culpa li hi dovuta ghal non-osservanza tal-liġijiet u regolamenti li huma maħsuba biex tigi evitata l-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi (Vide Il-Pulizija v. Ludwig Micallef, deċiża 17 ta' Ottubru 2010). Imbagħad, f'din il-kondotta jrid jiġi identifikat u stabbilit ukoll ness ta' kawzalita' ma' akkadut li huwa dannuz.*

*F'kull kaz, l-elementi tar-reat huma dejjem il-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesiġix, ma hemmx ħtija (Vide in propositu : Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti tal-Appell Kriminali).*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 flismijiet Il-Pulizija vs Richard Grech dik il-Qorti riteniet illi:-*

*"Jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk laffarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda lohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta." [emfasi ta' din il-Qorti]*

*Kif inghad ukoll fis-sentenza Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998:-*

*"Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza*

*tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju.*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere." [Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88]*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:*

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

Issir referenza wkoll għal dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża fl-ismijiet The Police (Inspector Johann J. Fenech) -vs Paulina Kurowska deċiża fl-1 ta' Novembru 2018:

*"Criminal liability can only be attributed by assessing the actions of the accused within a framework of circumstances which she personally perceived at the time in question. In his Notes on Criminal Law, Professor Anthony J. Mamo, states:*

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable". (Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67)*

*Hence this begs the question: was what happened to Walkiewicz a consequence of Kurowska's act had she minded?*

*The Court makes reference to the Court of Appeal's judgment in the names Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE:( 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv. 870, 903)*

*"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-*

*regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju……….Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera ficcirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina ddiligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq in-nuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, s-sitwazzjoni tkun tipprezenta.*

*Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita`bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu.*

*L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti."*

*Chirani, cited in the judgement Ciantar v Gatt (Qorti tal-Appell Civili; 15.05.1926, per Onor. Imhallef Luigi Camilleri), holds:*

*"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessita', quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente…*

*Il fatto illecito si conobbe allora al comportamento giuridicamente anormale, ne sara valevole l'eccezzione liberatoria perche' inutilizza dal dolo o dalle colpe precedente…."*

*Reference is also being made to the judgement in the names Il-Pulizija vs Ludwig Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu, 2010, Nru 753/2006 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Edward Bonnici (27.010.2016), u Il-Pulizija vs Rudolph Gatt (03.02.2016), it-tnejn per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli):*

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*……….*

*Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-artikolu 225 tal-Kap 9 jiddisponi s-segwenti:*

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd ..."*

*Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-*

*1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;*

*2. kkaguna l-mewt ;*

*3. fuq persuna.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet il-Pulizija vs*

*Richard Grech dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-*

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew filprofessjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

*L-awtur Taljan Giorgi fil-ktieb tieghu Teoria delle Obbligazione – 1127 pagna 46 ighid:-*

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

*Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;*

*u*

*3 la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali). [sottolinejar tal-Qorti]*

……

*Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti…. .""*

*In Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et (Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993), the Court held:*

*"Kif inghad fis-sentenza Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere." (Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88).*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:*

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable". (Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67) [sottolinejar tal-Qorti]*

*U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:*

*"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

*Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza" (Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12, Gunju 2001) u kif jghid Antolisei, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".(Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366).*

*U kif insibu fin-Novissimo Digesto Italiano, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato.*

*E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela." (Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548). Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".*

*Skond l-imsemmija sentenza, "Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.[emfazi tal-Qorti]*

*Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-Professur Anthony Mamo jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on*

*the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."" (Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.)*

*Another judgement, Il-Pulizija vs Mustafa Gohar (Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Nru. 107/2004, 20.11.2004, per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, 20.11.2004) decided as follows:*

*"Kif spjiega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bilghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]*

*"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta'*

*kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).*

*In fatti kemm fil-Codice Zanardelli kif wkoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk ilprekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita." [emfazi ta-Qorti]*

*U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:*

*"Kif jispjiega l-gurista Francesco Carfora (Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni positiva ndiretta.*

*......Id-definizzjoni tal-Crivellari fil-Codice Penale - Vol III hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :*

*"la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto."*

*(pagna 228, para. 32.).*

*Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-nexus li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta chain of causation bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948 fis-sentenza Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per Imhallef Harding li "Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist."*

*Fil-fatt jkompli jghid :*

*"The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations."*

*Fil-fatt Maino fil-ktieb tieghu Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286) jghid:*

*"E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita."*

*Consequently if the accused is to be found guilty for the involuntray homicide of Mr. Walkiewicz, there must exist a chain of causation between a negligent act on her part having failed to forsee that which was forseeable had she minded, and the ensuing death."*

**Ikkunsidrat**

F' dan il-każ, irriżulta li Christine Gauci mietet "*of natural causes, namely seawater drowning and coronary artery atheroma.*" (Vide rapport ta' Profs Bridget Ellul u Dr Michael Refalo fl-inkjesta maġisterjali eżebita f'dawn l-atti).

Il-Prosekuzzjoni trid izda tipprova wkoll lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li din il-mewta traġika seħħet għaliex l-imputat odjern aġixxa b'nuqqas ta' ħsieb jew ta' traskuraġni jew li naqas milli jħares xi regolamenti u li l-kondotta tiegħu f'dan il-każ kien wieħed kolpuż. Ghalhekk, irid jiġi ppruvat in-ness kawżali bejn il-mewt tal-vittma u kondotta kolpuza da parti tal-imputat, b'mod illi din il-kolpa titqies li kienet il-kawża immedjata u prossima tal-mewt ta' Christine Gauci.

Din il-Qorti fliet il-provi prodotti u kif ukoll l-atti proċesswali, u fil-fehma umli tagħha, tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat aġixxa b'kondotta li fiha huma ravviżabbli l-elementi tar-reat taħt l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 u li twassal għal ħtija għar-reat in dizamina.

Il-prova ewlenija li tikkonvinċi lill-Qorti li effettivament l-imputat agixxa b' kondotta li fiha huma ravviżabbli l-elementi tar-reat maħsub fl-Artikolu 225(1) tal-Kap. 9, tinsab prinċipalment fir-rapport tal-espert Dottor Charlie Azzopardi u mix-xhieda ta' l-istess imputat li ngħatat f' varji okkazzjonijiet kemm waqt l-investigazzjoni, l-inkjesta maġisterjali kif ukoll waqt is-smigh ta' din il-proċedura.

Dwar id-diliġenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-Professur Sir Anthony Mamo jgħid hekk:-

> *"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.(Lectures in Criminal Law : First Year p 71).*

In tema ta' ksur ta' regoli tal-kondotta, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fuq ċitata fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Richard Grech" ikkwotat is-segwenti bran mill-awtur Francesco Antolisei:-

> *"Sorgono per tal modo ... delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze*

*nocive per i terzi ... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi* (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323). Dan il-bran gie citat ukoll b'approvazzjoni mill-istess Qorti fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Grech deciza fis-6.6.2003.

Dik l-istesss Qorti mbagħad kompliet tenunċja s-segwenti abbażi tal-insenjament tal-Antolisei:-

*« Il-Qorti ... tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jittraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'. .... »*

Illi konformement ma' dan kollu u wara li qieset il-provi kollha akkwiziti fil-proċess, il-Qorti tirravviza element distint ta' imprudenza fil-mod kif aġixxa l-imputat kif ukoll ommissjonijiet. Kif irriżulta, matul id-*dive* kien hemm diversi indikazzjonijiet li Christine Gauci kellha problemi kbar ta' *buoyancy*. Nonostante, dan id-*dive* baqghet tissokta. Huwa minnu li l-imputat f' iktar minn okkazzjoni waħda waqt din id-dive ta l-assistenza tiegħu lil Christine Gauci. Iżda dan kien l-obbligu tiegħu bhala buddy. Id-*diving buddy system* tiġi implimentata biex bugħaddas ma jkunx waħdu izda jkun flimkien ma' bugħaddas iehor bil-għan li entrambi jieħdu hsieb il-bżonnijiet ta' xulxin. Il-

Qorti tqies li għalkemm waqt il-maġġor parti tad-*dive,* l-imputat kien qed jagixxi in linea ma' dak li huwa rikjest f' *diving buddy system*, fil-parti finali ta' din id-*dive,* huwa naqas li jagħmel dak li kien rikjest minnu bhala *buddy diver* ta' Christine Gauci.

Irriżulta li l-imputat assuma li Christine Gauci kienet qed tgħum lura lejn il-wiċċ. Raha biss ddawwar idejha ma' *Nitrox 50% deco Cylinder*. Ma reġax stabilixxa *eye contact* magħha. Ma baqax isaqsi kemm kien fadlilha arja, nonostante li waqt l-inċidenti li seħħew preċedentement huwa kien qiegħed kontinwament isaqsi kemm kien għad fadlilha arja u kien qed jirriżulta li Christine kienet qed tikkonsma ħafna arja. In fatti, irriżulta mid-*dive profile*, li f'fond ta' għaxar (10) metri wara biss għoxrin (20) minuta, Christine Gauci kienet gia' ħliet sebgħin (70) bar. In fatti, rrizulta li l-aħħar darba li kien staqsa lil Christine Gauci dwar kemm kien fadlilha arja, din kien fadlilha mija u għaxar (110) *bar* u li fil-fattemp, damu madwar ħamsa u għoxrin (25) minuta telgħin lura qabel ma' seħħ l-aħħar inċident. Din il-Qorti tqies ukoll li skont l-istess espert Dr Azzopardi, ġialadarba, Christine Gauci kienet qed togħdos b' erbatax (14) litre b'mitejn (200) *bar open circuit twinset* filwaqt li l-imputat kien b' *X-CCR rebreather close circuit system,* ġie krejat *a discrepancy which will persist throughout the dive and affected the final outcome*. In fatti, gie spjegat li:

> *seeing Mr Castillo was using a closed circuit rebreather system… he was not in the right frameset of checking on his open circuit buddy ; seeing he had no issues with length of gas supply, it was not within his procedures during the dive or second nature to his skill set to check his buddy' s different and finite air supply.*

Din il-Qorti qieset ukoll dak li osserva Dr Azzopardi meta kien qed jagħmel il-konstatazzjonijiet tiegħu dwar l-aħħar inċident li sehh taht l-ilma fejn spjega:

> *The third and final event during the dive occurred at 77 minutes into the dive, when Ms Gauci ascended to the surface rapidly for the second time within the same dive. According to Mr. Castillo, he looked up, saw her reach for the regulator of her Nitrox 50% deco cylinder, and never established eye contact or saw her again.* ***He cites having a deco obligation and being light, hence the reason for not following her. This is disproven by his decompression computer – a 2 minute deco obligation at 5 minutes is never an impediment to seek a lost diving buddy.*** (enfazi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti tqies li l-imputat assuma ħafna affarijiet dwar x'kienet għamlet Christine Gauci mingħajr ma effettivament kien sar kuntatt bejnu u bejn Christine fi *seventy-seventh (77th) minute into the dive*. Huwa naqas meta ma ttentax izomm kuntatt ma' Christine biex jara li hi għadha sew il-hin kollu, allavolja sseparata minnu. Dan kollu seħħ nonostante li huwa kkonferma fix-xhieda tiegħu li bhala parti mit-training tiegħu kellu *rescue diver training*. Għal din il-Qorti, il-fatt li Christine Gauci kienet instructor bl-ebda mod ma jeżonera lil imputat mir-responsabbilita' tieghu bhala *buddy diver* flimkien ma' Christine Gauci. Huwa kien qiegħed hemm biex jieħu hsieb lil Christine Gauci kif deltronde hi kienet hemm biex tieħu hsieb lill-imputat. Dak li għamel l-imputat kien li assuma ħafna affarijiet meta meħud fil-kuntest taċ-ċirkostanzi kollha li ssuċċeddew waqt din id-*dive,* kien jirriżulta ben evidenti li din id-dive kienet waħda li kienet qed tkun ta' diffikulta' għal Christine Gauci. Kellu għalhekk obbligazzjoni ikbar li jassigura li Christine Gauci kienet *safe* u mhux sempliċiment jassumi li Christine Gauci kienet *safe*.

Għaldaqstant, il-Qorti hi moralment konvinta illi kien in-nuqqas ta' azzjoni da parti tal-imputat sabiex isir *rescue attempt* filwaqt li assuma li Christine kienet *safe*, li kkaġunat l-event dannuż li wassal għall-mewt ta' Christine Gauci. Tqis ukoll li dan l-inċident sfortunat seta' faċilment jiġi evitat mill-imputat f'dan il-

każ kieku eżerċita l-kawtela u prudenza li evidentement kienu jinħtieġu ċ-ċirkostanzi.

F'dan in-nuqqas tal-imputat tiġi ravviżata proprju n-negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti li jipprospetta l-leġislatur fir-reat taħt l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 kif ukoll in-ness kawżali bejn l-att attribwibbli lill-imputat li ħoloq l-event dannuż u r-riżultat ta' dan l-att, cioe` l-mewt tal-vittma.

Din il-Qorti tqies ukoll dak li rriżulta fis-sens li jista' jagħti lok li kien hemm negliġenza kontributorja da parti tal-vittma. B' analoġija, f'każijiet relatati ma' inċidenti ta' traffiku, ġie kemm-il darba ritenut li f'sede kriminali, kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendentement minn dak li jagħmel ħaddiehor, ammenoché dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklussivament lill-kondotta ta' ħaddiehor (Vide Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri (16.3.1961); Il-Pulizija vs. John Polidano (3.11.1963); Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud (XXXVII.IV.1131), Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat deċiża 22 ta' Novembru 2007). Dan japplika wkoll fl-isfond ta' dan il-każ odjern. Sabiex l-imputat jista' jkun eżentat mir-responsabbilita` penali, irid jiġi ppruvat li l-vittma b'xi att inaspettat jew xort'ohra b'xi għemil taghha tkun issorprendiet lill-istess imputat b'mod li poġġietu f'pożizzjoni li, anki bl-użu tad-diligenza, dan ma setax assolutament jevita l-akkadut. In-negligenza kontributorja għalhekk ma tezonorax lill-imputat jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru.

F'kull każ ieħor, riskontrat element ta' negliġenza kontributorja tal-vittma, dan l-element ma joperax biex jiskolpa lill-imputat mir-responsabbilita` kriminali, iżda jista' jinċidi biss fuq il-kalibrazzjoni tal-piena. In linea ma' dan issir referenża għal dak li josserva l-Antolisei f' Manuale di Diritto Penale: Parte Generale (1989) Giuffre, pagna 332:-

> *"Nell' ipotesi che con la colpa del soggetto attivo del reato concorra la colpa della persona offesa, da alcuni si parla di compensazione delle colpe, nel senso che la colpa dell' uno verrebbe annullata dalla colpa dell' altro ... Cio non puo' ammetersi, perche il principio della compensazione delle colpe, se vale nell' ambito del diritto privato, .... non ha diritto di cittadinanza nel campo penale. Qui la punizione e' reclamata da un interesse pubblico, quindi, dell' eventuale colpa della vittima il guidice terra' conto solo entro i limiti dei suo poteri discrezionali per l' applicazione concreta della pena."*

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li Christine Gauci kienet għajjiena wara xift twil. Kienet qed tuza *dry suit* li ma kinitx tal-qies tagħha u li lanqas kienet tharrġet dwar l-użu tagħha. Il-Qorti qieset ukoll li Christine Gauci rriskjat ukoll meta bdiet tinduna waqt id-*dive* li kellha problemi ta' *buoyancy* u nonostante dan, baqgħet għaddejja tippersisti f' din id-*dive.* Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti tirravviza element ta' kontributorjeta' da parti tal-istess vittma għall-akkadut li fih tilfet ħajjitha. Dan izda bl-ebda mod ma jeżonera lill-imputat mir-responsabbilita` kriminali dwar dak li ġara.

Din il-Qorti tqies li dan l-inċident kien traġedja kbira mhux biss peress li Christine Gauci kienet ghadha tfajla żagħzugħa izda wkoll minħabba l-fatt li mill-provi jirriżulta li l-istess vittma u l-imputat kienu ilhom għal żmien twil jgħoddsu flimkien u kienu in fatti ħbieb.

Din il-Qorti meta tigi biex tikkonsidra l-piena li għandha tiġi nflitta tqies fermement li m'huwiex il-każ li l-imputat għandu jintbagħat il-habs sabiex jirriforma ruħu. F'dan il-każ il-Qorti hija sodisfatta illi dan kien inċident sfortunat illi halla konsegwenzi traġiċi iżda hija wkoll konvinta li ma għandhiex tiġi inflitta piena ta' priġunerija effettiva. Din il-Qorti sejra tikkonsidra l-element ta' negliġenza kontributorja da parti tal-vittma u l-fatt li dan l-inċident

kien dizgrazzja mill-iktar sfortunata u traġika għal kull min kien involut u għall-familji rispettivi tagħhom.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil Arthur Castillo ħati ta' l-imputazzjoni mressqa fil-konfront tieghu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' sentejn prigunerija li bis-saħħa ta' l-artikolu 28A(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħdin jiġu sospiżi għal perijodu ta' erba'(4) snin. Skont l-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil ħati fi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabilitajiet tiegħu ai termini tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm mil-piena ta' priġunerija.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lil Arthur Castillo iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma komplessiva ta' EUR 1,114.55c rappreżentanti zewġ terzi (2/3) tal-ispejjeż li tħallsu lill-esperti li ġew nominati fl-istadju tal-proċes-verbal tal-Inkjesta maġisterjali li nfetħet in konnessjoni ma' dan l-inċident.

**(ft.) Dr. Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft.) Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**
**Għar-Reġistratur**